FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tleita 30 t' April, 2002**

**Numru**

**Avviz. numru 1698/01JR**

**Atlas Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Brian Paul Warrington u l-istess Brian Paul Warrington**

**vs**

**Mary Anne Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ippresentat mill-atturi fil-5 ta' Dicembru 2001 fejn talbu lill-konvenut tghid l-ghaliex dan it-Tribunal m'ghandhux jikkundannaha li thallas lill-atturi danni komplessivi fl-ammont ta' sitt mija erbgha u sittin lira tlieta u erbghin centezmu (Lm664.43c), [Lm614.43c lis-socjeta' Atlas**

**Insurance  Agency Limited noe  u Lm50 lil Brian Paul Warrington] minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' ncident awtomobilistiku li gara Zebbug fit-18 t'Awissu 2000 meta waqt li l-konvenuta kienet qed issuq vettura nru AAD 316 habtet mal-vettura nru DBB 109 propjeta' tal-attur Paul Brian Warrington  u misjuqa minnu -  ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.**

**Oltre l-imsemmija danni, l-konvenuta ghandha thallas l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tal-4 ta' Gunju 2001, dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju 2001 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet  ta' Malta, u l-imghax legali b'effett mit-12 ta' Lulju 2001 sal-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta ppresentata mill-konvenuta fil-21 ta' Dicembru 2001 fejn eccepiet:**

**Illi dak li talbu l-atturi ghandu jigi michud bl-ispejjez kontrihom billi ghall-incident mertu tal-Avviz kien jahti Brian Paul Warrington.**

**Illi dal kaz jinkwadra ruhu f'dak li hemm deciz fil-kawza tal-Prim Awla Cit 1652/98/GC Fogg vs Robert Sofia deciza 01.06.01.**

**Semgha x-xhieda ta' Stephen Conti, Dr. Brian Warrington u Mary Anne Vella. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Il-kawza tirrigwarda kollizjoni li sehhet fit-18 t'Awissu, 2000, ghall-habta tat-8.30am, f'Siggiewi By-Pass, Haz-Zebbug, bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni DBB-109 misjuqa mill-attur u l-vettura numru ta' registrazzjoni AAD-316 misjuqa mill-konvenuta.**
2. **Jirrizulta li l-attur kien qed isuq Honda Civic f'Siggiewi By=Pass miexi fid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug, filwaqt li l-konvenuta kienet hierga minn side street, fejn hemm "stop sign" u riedet taqsam il-karreggjata li fiha kien gej l-attur sabiex tmur fid-direzzjoni tas-Siggiewi.**
3. **Skond l-attur kien hemm xi traffiku quddiemu, ghalkemm il-boghod minnu. L-attur kien qed isuq fuq ix-xellug tal-karreggjata, u kien qed joqrob lejn dik il-parti fejn hemm il-"junction" li minnha harget il-konvenuta. L-attur ra lill-konvenuta, u ra li din kienet hierga bil-mod.**
4. **Skond il-konvenuta qabel ma harget minn fuq l-istop sign hi harset u ma kien gej vann mid-direzzjoni tas-Siggiewi. Hi tghid li rat karrozza bajda taqbez il-linja l-bajda u ppruvat tevitaha billi titfa ghall-gol hajt.**

Il-konvenuta intlaqtet fir-rota ta' quddiem in-naha tal-lemin. Il-konvenuta qalet:"F'ebda moment sal-habta ma waqaft".

5. Jirrizulta ghalhekk li l-konvenuta setghet tara li kien gej traffiku fit-triq principali, u li hi, li kellha "stop sign" baqghet hierga u f'ebda moment ma wafet f'din il-manuvra taghha biex iccedi ghat-traffiku li kien ghaddej fil-main road. Ma hemmx dubbju li kienet din il-manuvra da parti tal-konvenuta il-kawza prossima tal-kollizzjoni. Ghaliex qabel ma harget messa qadet attenta li ma kienux gejjin vetturi, u li setghet taghmel il-manuvra taghha minghajr ma tkun ta' ebda ostakolu ghat-traffiku li kien ghaddej. Jirrizulta wkoll mill-isketch esebit u mill-mod kif spiccaw il-vetturi li z-ewg vetturi kisru xi ftit biex jippruvaw jevitaw lill-xulxin, pero` f'adk l-istadju kien tard wisq. Jirrizulta li kif ra l-attur ghafas brake u gibed il-barra f'tentattiv biex jiskapulaha.

6. Kif ritenut mill-Qrati taghna:

> "Id-driver li jkun diehel minn "side road" ghal go 'main road" ghandu certi doveri x'josserva, fosthom dak li jcedi ghat-traffiku fuq il-"main road", li jesplora tajjeb il-"main road" qabel ma johrog fiha, u dak li jmexxi "dead slow", u sahansitra jwaqqaf, biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara.

**Il-"main road user" ghandu wkoll joqghod attent fil-"cross roads" imma l-grad ta' diligenza li tinkombi lilu huwa ferm anqas.**

**Imma jekk il-provi juru li l-kawza prossima tal-kollizzjoni kienet unikament in-negligenza tas-"side road user", li bl-eghmil tieghu rrenda l-kollizzjoni inevitabbli, il-"main road user" ma ghandu ebda tort fil-kollizzjoni, avvolja hu kien qed isuq il-karrozza fuq il-"crown" tat-triq, minflok fuq ix-xellug taghha kif jippresrivu r-regolamenti. (Il-Pulizija vs Anthony Galea – 5-9-1953 – Vol.XXXVII-IV-1137).**

7. **Ghall dawn ir-ragunijiet jirrizulta li ghall-kollizzjoni kienet tahti unikament il-konvenuta li bil-manuvra taghha ikkawzat il-kollizzjoni, meta din harget minn fuq "stop sign" u baqghet hierga nonostante li kien hemm traffiku fil-karreggjata li riedet taqsam.**
8. **Bhala danni li sofra l-attur dawna jirrizultaw mid-dokumenti esebiti, Dok.D fl-ammont ta' erba' mija u tmienja u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm448.50) ghall-labour, spray u rust proofing, u parts fl-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm232.16), b'kollox total ta' sitt mija u wiehed u tmein lira Maltija u sittax-il centezmu li minnhom qed tintalab is-somma ta' sitt mija erbgha u sittin lira tlieta u ebghin centezmu (Lm664.43c).**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kienet tahti unikament il-konvenuta, t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija u erbatax-il lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu lis-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited noe, u Lm50 lil Brian Paul Warrington, bl-imghaxijiet legali 12 ta' Lulju 2001 sal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-4 ta' Gunju 2001, dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju 2001 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**

**Gudikatur**

`